MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2008

Numru 549/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
**V**

**MICHAEL AGIUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MICHAEL AGIUS** ta' hamsa w tletin sena bin Moses u Michelina nee Mercieca, imwieled Pieta nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 1970 u residenti 'Nightmare', Triq l-Ortolan, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 423270M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli f'dawn il-Gzejjer, fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2006 u fix-xhud ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor jew ingann jew

billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew krediti mmaginarji jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ elfejn lira maltin ghad-dannu tal-Assocjazzjoni Trasport Pubbliku;

2. talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal sabiex jbieghhom jew imexxihom u cioe ACE Module, proprjeta tal-Awtorita tat-Traasport ta’ Malta (ADT);

3. talli fl-istess perjodu u cirkostanzi naqas li jgharraf lil pulizija fi zmien gimgha, li l-ACE Module proprjeta tal-Awtorita tat-Trasport ta’ Malta (ADT) giet fil-pussess tieghu, minkejja li kien jaf li kienet misruqa jew mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat;

4. talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, gharraq t-thaddim ta’ xi sistema *software* jew dokumentazzjoni t’appogg jew ghamel uzu minnhom u cioe l-ACE Module proprjeta tal-Awtorita tat-Trasport ta’ Malta (ADT).

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa ta’ Marzu 2007 [fol 81] sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta’ nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Marzu 2007 [fol 82]. Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, kif wkoll x-xhieda prodotta mid-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Gunju 2006 **xehed l-Ispettur Angelo Gafa** [fol 8] fejn qal li fl-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2006 kellu rapport minn Victor Spiteri, President ta’ l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, fejn dan allega frodi minn *bus driver* bl-isem ta’ Michael Agius mill-Mosta li dan kien instab jaghmel uzu minn *ace module*, liema *ace module* tkun *device* li jidhol fit-*ticketing machines* li jkun hemm fuq tal-linja w allura b’liema *device* il-*bus driver* jirregistra fuqu l-ammont ta’ biljetti li jkunu nqatghu fuq tal-linja f’certu perjodu w imbaghad l-istss *device* tintuza sabiex tinharaq f’*depot reader* sabiex l-ammont ta’ bejgh ta’ biljetti jigi registrat mal-Awtorita biex b’hekk ikun hemm indikat kemm ircivew flus f’dak il-perjodu.

Qal li Victor Spiteri spjegalu li kull karozza tal-linja tkun mghammra bit-*ticketing machine*, b’dawk il-kaxxi l-homor li jissejhu A90 u din tiffunzjona biss meta jkun hemm dan l-*ace module* imdahhal fiha. Spjegalu li din hija forma ta’ *hard disc*. Kompla jghid li l-*bus drivers* jirreferu ghal din l-*ace module* bhala “cippa”. Fil-verita ma hi “cippa” xejn, imma *hard disc* li tidhol fil-magna tal-biljetti. Victor Spiteri qallu wkoll li din il-*hard disc* izzomm kapacita ta’ mitejn u hamsin lira maltin fiha *worth* ta’ biljetti li dawn jigu *downloaded* f’wiehed minn erbgha *depot readers* madwar Malta, li tnejn jinsabu l-Belt, aktarx wahda Ta’ Sliema u ohra n-naha ta’ fuq ta’ Malta.

Spjega li dawn jitbattlu fid-*depot readers* w il-*bus driver* jinghata ricevuta ta’ l-ammont li jkun dahhal. Ix-xhud kompla jghid li gara li n-nuqqas ta’ *ticket sales* min naha tal-imputat Michael Agius, li gharaf fl-awla bhala l-imputat, qajjem suspett fl-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku u fil-fatt fit-tlieta w ghoxrin ta’ Frar 2006, gurnata qabel ma wasal r-rapport ghand ix-xhud, zewg membri ta’ l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku u cioe Emanuel D’Amato u Mario Farrugia, rrapurtaw li kienu hadu *audit trail*, raw x’kien mghoddi tramite t-*ticketing machine* fuq *bus number* 562, liema karozza tal-linja kienet propjeta ta’ certu Horace Vella, imma kienet misjuqa regolarment mill-imputat Michael Agius. Qal li din l-*audit trail* svelat diskrepanza ta’ *data recorded* fuq it-*ticketing machine*, li din il-kelma teknika taghha hija A90 u ta’ dawk

*downloaded* mill-*ace module* tal-karozza tal-linja bin-numru 562. Jigifieri, kompla jispjega x-xhud, dak li kien hemm fuq il-magna tal-biljetti tal-linja, jigifieri l-magna li qed turi kemm inhargu biljetti fuqha u kemm gew *downloaded* fid-*depot readers* ta' l-Assocjazzjoni f'dak il-perjodu mit-*ticketing machine*, ma kienux kompatibbli ma xulxin.

Qal li dan iktar qajjem suspett u fil-fatt fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar, l-istess membri ta' l-Assocjazzjoni marru fuq Michael Agius, li kien qed isuq *bus number* 354 dakinhar fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar, u mill-A90, mit-*ticketing machine*, allura l-hamra, li kien qed juza dakinhar, dawn sabu *ace module*, li huma jsejjhu "cippa" li kienet *tampered*, allegatament imbaghbsa. Dan l-allegat tbaghbis ma din l-*ace module* inholoq, ghaliex din l-*ace module* la kellha sigilli bhal m'ghandhom dawk tajbin, is-*serial number* fuqha ma kienx jikkorrispondi ma dak ufficjali, w allura hawnhekk s-*serial number* kien hemm partijiet sostanzjali minnu imhassra, b'daqqiet qishom ta' xi turnavit u ma din l-*ace module* kien hemm *wire tape* ta' lewn ahdar, li mhux soltu jkun fuq dawk genwini. Qal li dawn ippruvaw jiehdu din l-*ace module* li allegatament kienet imbaghbsa f'wiehed mid-*depot readers* biex jaqrawha, imma dan kien kollu ghalxejn, ghaliex apparentament ma setghetx tidhol peress li kellha t-*tape* ma partijiet taghha.

Il-President ta' l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, Victor Spiteri, kompla jghid x-xhud, qallu wkoll li f'dak il-hin Michael Agius kien ammetta maghhom u cioe ma Emanuel D'Amato u Mario Farrugia, bhala membri tal-kumitat, li hu kien qed juza dik l-*ace module* imbaghbsa. Sussegwentement l-A90 tal-*bus number* 562 li hija generalment uzata minn Michael Agius, kif ukoll dik l-*ace module* imbaghabsa gew mghoddija lill-pulizija.

F'dan l-istadju x-xhud esebixxa it-*ticketing machine* li tissejjah A90 li giet immarkat bhala Dok AG, kif ukoll l-*ace module* kif instabet fil-pussess ta' Michael Agius. Spjega li dakinhar tal-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2006, Michael Agius kien qed juza din l-*ace module* fil-*bus number* 354

ghaliex l-*ace module* tiffunzjona ma *any ticketing machine*, biss meta l-magna taqra l-kontenut, taqra wkoll liema *ace module* tkun dahlet fiha. Allura f’dan il-kaz, kompla jghid x-xhud, kienet qed taqra ghal *ticketing machine* tal-*bus number* 354 li kienet taqra bhala 562. Pero it-*ticketing machine* li esibixxa bhala Dok AG hija t-*ticketing machine* tal-*bus number* 562 li normalment Michael Agius kien jahdem fiha. L-*ace module* giet esebita bhala Dok AG 1.

Ix-xhud kompla jghid li dakinhar tal-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2006, hu kien kellem lill-membri tal-kumitat ghall-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku u cioe Mario Farrugia u Emanuel D’Amato, fejn dawn qalulu li kienu sabu din l-*ace module* li semma bhala Dok AG 1, fil-pusess ta’ Michael Agius u spjegawlu li biha Michael Agius *ejected* din l-*ace module* mill-A90 *ticketing machine*. Spjegawlu wkoll li kull magna hija mghammra b’*ejection button* u li kieku din l-*ace module* ma kellhiex dak it-*tape* u t-tbaghbis li kien fiha, mhux suppost kellha tehel u ma tohrogx. Ikkonfermawlu t-tnejn li Michael Agius kien ammetta maghhom li zbalja meta uza l-ace module imbaghbsa u anke kien qalilhom li kien bi hsiebu jirrifondi l-Assocjazzjoni bl-ammont allegatament defrodat. Qal li dan qalu mhux lilu, imma lill-membri tal-kumitat li sabu dawn l-affarijiet fil-pussess tieghu.

Ix-xhud kompla jghid li fl-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2006 hu kien cempel lil imputat Michael Agius fejn mar volontarjament fl-ufficju tieghu u wara li tah s-solitu twissija bil-ligi, ghamillu xi mistoqsijiet dwar l-allegazzjonijiet maghmula min naha ta’ l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku. Ix-xhud qal li ghall-bidu l-imputat innega li fil-pussess tieghu seta kellu zewg *ace modules* pero l-logika kienet tghidlu li dan kien qed imur id-*depot reader* b’*ace module* tajba u kien fil-fatt qed juza *ace module* ohra imbaghbsa w allura wahda izommha ghalih u l-ohra jmur jiddeposita ammont li ma kienx ammont veritjier ta’ *ticket sales*. Minkejja li ghall-bidu nnega li kellu tnejn, wara ftit ammetta mieghu li kellu ohra d-dar u cioe dik genwina, il-propja tal-*bus number* 562 u din fil-fatt, minn tfittxija li saret minn PS 84 Mercieca u PC 469

Cassar fir-residenza tieghu, l-imputat hemmhekk ghaddieha lill-pulizija.

Ix-xhud esebixxa wkoll l-*ace module* genwina tal-*bus number* 562 li giet immarkata bhala Dok AG 2. Qal li ghamel xi mistoqsijiet waqt it-twissija lil Michael Agius u hu qallu li kien jahdem bhala xufier fuq tal-linja u kellu ADT *number* 1439 u generalment kien jahdem bil-*bus number* 562 mit-Tnejn sal-Gimgha. Qal li staqsieh fuq ir-rapport maghmul mill-Awtorita tat-Trasport Pubbliku u l-imputat stqarr mieghu, tah rakkont taht it-twissija, li xi gurnata lejn is-Sajf tas-sena 2005 kien qed jahsel il-karozza tal-linja tieghu St. James Ditch, in-naha fejn jarma l-Monti nhar ta' Hadd u sab din l-*ace module* esebita bhala Dok AG 1. L-imputat gharafha dak il-hin fl-ufficcju tax-xhud ghax din naturalment kienet mghoddija lilu mill-membri tal-Kumitat ta' l-Assocjazzjoni u l-imputat qallu li kien sabha f'xi haxix f'dawk l-inhawi. L-imputat qallu wkoll li kien fetah dik l-*ace module* u kien ghamillha t-*tape* hu stess. Ix-xhud qal li l-imputat tah raguni ghalfejn ghamel t-*tape*, u qallu li ghamlu sabiex ma tillokkjax fit-*ticketing machine* kif normalment jaghmlu dawk genwini. Fil-fatt, zied jghid x-xhud, it-*tape* sar f'post fejn hemm qisha hofra fuq din l-*ace module*, qisha *slot* biex anke ma tkunx tista tinhareg din l-*ace module*. Qal li fi kliemu stess, l-imputat qallu li beda juza din l-*ace module* imbaghbsa minn Novembru 2005 u beda kontinwament jibdel l-*ace module* tajba ma dik hazina, pero kien imur jiddownloadja l-ammont ta' *ticket sales* fid-*depot reader* f'dik genwina.

Ix-xhud qal li staqsa lil imputat ghalfejn kien jaghmel dan u rrispondih li biex ma jurix stampa cara ta' x'kien qed jaghmel *ticket sales*. Qal li meta staqsieh ghad-differenza ta' flus li kien jirrekordja fuq l-*ace module* imbaghbas, x'kien jaghmel bihom, l-imputat kien irrispondih li kien jehodhom ghalih. Qal li meta staqsieh kemm kien l-ammont defrodat lill-Assocjazzjoni b'dan il-mod, l-imputat ma setghax jaghtih figura. Qal li peress li kellha *serial number* imhassar l-*ace module* imbaghbsa, x-xhud staqsa lil imputat kif sar u dan qallu li kien sabha hekk pero qallu wkoll li t-*tape* fuqha, kien ghamlu hu. Qallu wkoll li meta

fetah l-*ace module*, caqlaqha, missilha is-*circuits* ta' gewwa sabiex din gabha tahdem. Qallu wkoll l-imputat li l-grif kien maghmul f'din l-*ace module* ghaliex din ma kienitx tohrog b'mod facli mit-*ticketing machine* w allura kull darba kellu bzonn juza jew xi turnavit sabiex ikun jista johrogha. Dakinhar l-imputat, kompla jghid x-xhud, innega li kien seraq din l-*ace module* minn xi karozza tal-linja ohra. Qal li hu, dakinhar tal-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2006, lill-imputat baghatu d-dar pero bil-kundizzjoni li kellu jmur darb'ohra skond l-artikolu 355 AL, subsection 3 tal-Kodici Kriminali, il-*police bail* u dan minhabba l-investigazzjonijiet li kellhom bzonn jaghmlu fuq l-*ace modules* u anke fuq it-*ticketing machines*.

L-ghada fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2006, kompla jghid x-xhud, hu kien mar ghand l-Ispettur Caruana mill-IT Section u PS Decelis, fl-ufficini ta' l-ADT f'Sa Maison, w hemmhekk hemm is-sistema ta' dawn it-*ticketing machines*. Qal li hemm tkellmu ma certu Roderick Farrugia li jahdem bhala Assistant Engineer mas-socjeta 'Alberta', li hija l-kumpanija li tiehu hsieb dawn it-*ticketing machines* u ppruvaw dakinhar jistabbilixxu l-ammont allegatament deffrodat mill-imputat. Qal li nhargu diversi *spread sheets* fuq il-*computer*, kien hemm ammonti ta' xi tlett elef tlett mija u hmistax il-lira w ohra ta' sitt mija sitta w sebghin lira, ghaliex huma ccekkjaw kemm il-*bus number* 562 li kellha l-iktar ammont ghax l-imputat normalment juza il-*bus number* 562, pero wkoll iccekkjaw il-*bus number* 354. Qal li l-imputat kien regolarment juza l-*ace modules* fuq anke il-*bus number* 354. Qal li sfortunatament pero minn din l-informazzjoni li harget, m'imhargitx il-*field* tad-dati u l-hin w allura din ma kienitx prova bizzejjed sabiex iwiegbu ghaliha quddiem din l-Qorti.

Kompla jghid li l-ghada, s-sitta w ghoxrin ta' Frar 2006, kien kellem lil sid it-trakkijiet 562 u 354, li huwa l-istess wiehed u cioe Horace Vella, li kkonfermalu li l-imputat odjern kien isuq generalment il-*bus number* 562. Horace Vella qallu li dik il-karozza tal-linja l-imputat biss isuqha u cioe il-*bus number* 562 pero meta il-*bus number* 562 kienet tkun bil-hsara jew xi haga ohra, Michael Agius kien

ikollu il-*bus number* 354. Pero qallu wkoll li meta Michael Agius kien juza il-*bus number* 354 kien juza l-*ace module* tal-*bus number* 562. Jigifieri l-*ace module* tal-*bus number* 354 qatt m'inghatat lil imputat. Horace Vella fl-ahhar nett qal lix-xhud li hu ma kienx konxju mill-fatt li l-imputat odjern kien fil-pussess ta' din il-*module* imbaghbsa.

Spjega li fl-ewwel ta' Marzu 2006 kienu marru jkellmuh Emanuel D'Amato u Mario Farrugia, li rrefera ghalihom iktar qabel bhala membri tal-Kumitat ta' l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, fejn dawn ghamlulu rapport dettaljat, liema rapport igib id-data tas-sebgha w ghoxin ta' Frar 2006, fejn f'dan ir-rapport huma raw l-*audit trail* tal-*bus number* 562 u dak tal-*bus number* 354. Qal li dawn setghu jmorru lura biss sal-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2005 rigward il-*bus number* 562 u meta ghamlu ezercizzju ta' dak li rregistraw il-magni tal-biljetti u dak li gie depositat mill-*ace module* 562, huma hargu diskrepanza ta' elfejn, erbgha mija w ghaxar liri u hamsa w ghoxrin centemzu (LM2410.25), liema ammont pero jirrigwarda biss perjodu mill-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2005, ghaliex l-*audit trail* fuq dik il-magna esebita bhala Dok AG seta' jmur lura daqshekk, ghax kull darba jigu *overwritten* sussegwentement sad-data li fiha nqabad l-imputat juza l-*ace module* esebita bhala Dok AG 1. Spjega li allura l-elfejn erbgha mija w ghaxar liri u hamsa w ghoxrin centezmu (LM2410.25) huwa d-diskrepanza bejn dak registrat fil-magni u dak li gie depositat fid-*depot readers*.

Ix-xhud esebixxa bhala Dok AG 3 ir-rapport li gie maghmul mill-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku li hareg din id-diskrepanza ta' elfejn erbgha mija w ghaxar liri u hamsa w ghoxrin centezmu (LM2410.25), liema rapport juri bic-car, *highlighted* l-ammonti, li gew registrati ma l-Awtorita u dawk fuq il-magna, liema dokument gie immarkat bhala Dok AG 3. Esibixxa bhala Dok AG 4 *audit trail* minn *ticketing machine* 562 li din minn dakinhar l' hawn ma ntmessitx u kull ma ntmesset biss, biex ttiehed *audit trail*. Esibixxa bhala Dok AG 5 l-*audit trail* 354, kull darba fejn giet uzata l-*ace module* 562 din timmarka. Zied jghid li fil-fatt l-*audit trail* 354 li giet esebita bhala Dok

AG 5 ghandna *highlighted* kull darba li giet uzata l-*ace module* 562.

Ix-xhud kompla jghid li hu rega' kellem lil imputat nhar d-disgha ta' Marzu, fejn dakinhar kien inzamm arrestat sa l-ghada l-ghaxra ta' Marzu u l-imputat baqa jinsisti li dan sab *ace module* u qal wkoll li filwaqt li ma kellux kapacita fl-IT, irnexxielu b'xi mod jiftahha din u jbaghbasha minn gewwa. Qal li dakinhar l-imputat beda jsemmi hafna affarijiet, mess kull oggett li kellha gewwa u din spiccat mhux talli ma gietx tahdem, imma kuntrarju ghal dawk tabjin, ma bdietx taghlaq. Qal li l-*ace modules* it-tajbin, dawk mahruga mill-Assocjazzjoni, jaghlqu ma kull mitejn u hamsin lira (LM250) registrati fuqhom, jew inkella jekk ma tkunx giet registrata mitejn u hamsin lira (Lm250), kull hmistax, liema minnhom tigi l-ewwel taghlaq, jigifieri ma thallikx tibqa tuzaha. Spjega li l-imputat mhux talli ma rnexxielux ihaddimha, imma talli rnexxielu jbaghbasha b'tali mod li din ma taghlaqx, b'mod indefinit. Qal li kien jibqa juzaha b'mod indefinit u kien b'hekk li seta jzomm dawn l-affarijiet mghottija. Qal li l-imputat qallu li dejjem zammha ghandu din l-*ace module* imbaghbsa u li kull darba li kien juzaha kien jiehu madwar ghoxrin lira (LM20) fil-but u dan dejjem ghad-dannu ta' l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku. Qal li huma xtaqu wkoll f'dak il-perjodu janalizzaw l-*ace module* imbaghbsa, u cioe d-Dok AG 4 u qabel pero kellhom konferma minghand s-socjeta 'Alberta' li dak li hemm fiha ma jitnehhiex jew jigi modifikat, m'ghamlux dan l-ezercizzju.

Fil-fatt allura kellu jerga jaghti l-*police bail* lill-imputat u dan l-ezercizzju sar. Qal li fil-fatt fl-erbgha w ghoxrin ta' April 2006 kienu marru PS 84 u PC 474 fl-ufficini tas-socjeta 'Alberta' fl-Imriehel u din d-Dok AG 1, inqara. Sfortunatament pero kull m'irnexxielhom jaqraw dakinhar kien biss mill-perjodu mill-ghaxra ta' Frar 2006 sa l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2006, il-gurnata li giet maqbuda mill-Assocjazzjoni. F'dan il-perjodu fuq din l-*ace module* imbaghbsa li qatt ma nqrat fid-*depot reader* kien hemm registrat, jigifieri f'dawk l-erbatax il gurnata, sabu registrat ammont ta' erbgha mija w erbgha liri u hamsa w sittin centezmu (LM404.65) u dan f'erbatax il gurnata.

Qal li hu rega' kellem lill-imputat fit-tlieta ta' Mejju u l-imputat baqa jsostni l-istess affarijiet u hu f'dak l-istadju ma kellux ghajr hlief li jressqu l-Qorti bl-akkuzi hekk kif dedotti.

Ix-xhud esebixxa wkoll bhala Dok AG 6 ritratti mehuda mill-Forensic Section tal-pulizija ta' l-*ace module* imbaghbsa u qal li dawn haduhom *just in case* ikollhom bzonn innehhu xi affarijiet, pero kollox hallew f'postu. Esibixxa bhala Dok AG 7 u AG 8 u AG 9 u AG 10 erbgha stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat b'ordni kronologika fid-dati li gew mehuda, bhala dokument AG 11, ricevuta li ghaddew lill-imputat rigward l-*ace module* it-tajba, dik li sabu fid-dar tieghu, bhala Dok AG 12, ricevuta li ghadda lil Victor Spiteri rigward it-*ticketing machine* u filwaqt li Dok AG 13 hija ricevuta li ghadda lil Victor Spiteri rigward l-*ace module* imbaghbas.

Illi nhar l-erbgha ta' Gunju 2007 **rega' xehed l-Ispettur Angelo Gafa** (fol 85) fejn qal li huwa minnu li l-imputat rrilaxxja erbgha stqarrijiet, pero mhux minnu li kull *statement* li gie rilaxxjat mill-imputat, gie rilaxxjat b'mod volontarju fuq inizjattiva tieghu, ghaliex kull darba li l-imputat mar l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, mar minhabba kundizzjonijiet ta' *police bail* li kienu gew imposti fuqu u kienet dik l-okkazzjoni li l-imputat rrilaxxja stqarrija. Qal li l-imputat kkopera fis-sens li wiegeb mistoqsijiet li gew imposti lilu mill-istess prosekuzzjoni.

Mistoqsi jekk l-imputat kienx ammetta fl-istqarrijiet li huwa kien rrilaxxja li kien ko-partecipi f'reat x-xhud wiegeb li effettivament kien volontarju l-ammissjoni tieghu u anke kien lest li jaghmel tajjeb ghall-ammont ta' flus li gew defrodati. Huwa minnu, zied jghid x-xhud, li ma kienux qed jaqblu fuq is-somma ta' flus u cioe s-somma ta' flus li giet defrodata lill-Public Transport Association. Huwa minnu kompla jghid x-xhud, li l-*module* in kwistjoni tirregistra sa mitejn u hamsin lira maltin biss u din skond informazzjoni moghtija lilu Victor Spiteri, President ta' din l-Assocjazzjoni. Qal wkoll li din il-*module* giet provduta lill-Public Transport Association mis-socjeta 'Alberta'.

Mistoqsi ghaliex ma telax jixhed rapprezentant ta' l-'Alberta' x-xhud wiegeb li effettivament tela jixhed kif jirrizulta a fol 70, Roderick Farrugia xehed fil-hmistax ta' Novembru 2006 u dan huwa Inginier mas-socjeta 'Alberta'.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006 **xehed PS 84 Arthur Mercieca** [fol 43] fejn qal li hu kien presenti meta l-imputat presenti fl-awla nghata s-solita twissija u wara rrilaxxja stqarrija. Ikkonferma l-firma tieghu kif ukoll ta' l-Ispettur Angelo Gafa u dik ta' l-imputat stess fuq kull stqarrija. Barra minn hekk, zied jghid x-xhud, fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2006 hu kien mar fir-residenza ta' l-imputat "Nightmare" Triq l-Ortolan, Mosta u minn hemmhekk giet elevata *ace module*. Zied jghid li fl-erbgha w ghoxrin ta' April 2006 hu ghamel ezercizzju flimkien ma xi membri tas-socjeta 'Alberta' fejn l-*ace module* li raw u li kienet *tampered* giet moqrija u fuqha rrizultaw id-dati bejn l-ghaxra ta' Frar u l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2006 u kien hemm ammont ta' erbgha mija w erbgha liri u hamsa w sittin centezmu.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006 **xehed Mario Farrugia** [fol 45] fejn qal li hu jahdem bhala *bus driver* ma l-ADT u kien jokkupa post fil-kumitat ta' l-ATP, Assocjazzjoni Trasport Pubbliku. Qal li hu kien gie avvicinat minn certu Emanuel D'Amato li qallu li kellu xi suspett li kien hemm xufier qed ibaghbas fil-flus fil-biljetti tax-xarabank. Qal li kienu ghamlulu l-ghassa bl-*inspector* u imbaghad Emanuel D'Amato qallu li hu stess kien qed jaghmillu l-ghassa, pero peress li hu kien fil-kumitat, ma riedx jghidlu min kien sa dakinhar. Qal li Emanuel D'Amato kien segretarju fl-Assocjazzjoni Trasport Pubbliku. Ix-xhud kompla jghid li dan qallu li kienu qed jaghmlu l-ghassa pero ma setghux jaqbduh minhabba xoghol kbir li kien qed jaghmel u ma kienx qed idahhal *turnover* daqstant kbir. Qal li hu mar fuqu u qallu li kien ikun ahjar li jiccekkjaw l-kaxxa tal-biljetti, l-A90 li ra esebit fl-atti.

Kompla jghid li sa dak iz-zmien xorta Emanuel D'Amato ma kienx ghadu qallu lilu min kienet il-persuna. Zied jghid li ghaddew xi jumejn u talbu biex imorru jiccekkjaw il-magna pero Emanuel Damato qallu li dakinhar il-persuna kienet fit-tali post. Ghalhekk, kompla jghid x-xhud, iltaqghu fl-ufficju filghodu u marru flimkien ma Victor Spiteri, pero ma kienux qalulu min kienet il-persuna li kellhom suspett fih, u marru l-Belt ifittxu din il-persuna.

Spjega li din l-persuna kienet Michael Agius, l-imputat presenti fl-awla. Qal li dakinhar marru fuqu fejn kien b'xarabank differenti u peress li s-soltu jahdem b'xarabank iehor ma setghux jiccekkjawh w ghalhekk ftehmu li jmorru l-ghada. Spjega li raw fejn kien xoghol u kien xoghol fuq ir-rotta ta' l-Universita. Qal li l-ewwel marru fuq persuna ohra u gibdulha xi *audit trail* minn "cippa" ohra ta' persuna ohra w imbaghad marru fuq l-imputat odjern biex jigbru l-*audit trail*, u l-imputat qallu ' X'gara'. Qal li gibdulu l-*audit trail* u damet ma harget u qalulu biex isuq warahjom lejn l-Awtorita u marru Sa Maison. Fil-frattemp, kompla jghid x-xhud, baqa hiereg l-*audit trail* u meta hares lejn ic-"cippa" induna li c-"cippa" ma kienitx wahda normali, kellha t-*tape* ahdar maghha. Qal li din ic-"cippa" qalaghha bit-turnavit u mhux harget b'mod normali meta taghfas il-buttuna.

Meta x-xhud gie muri Dok AG 1, ikkonferma li dik kienet l-istess "cippa" li l-imputat hareg quddiemu. Zied jghid li mbaghad sar jaf Victor Spiteri, il-President ta' l-Awtorita u qallu x'kien qed jigri u sussegwentement marru d-Depot w ghamlu r-rapport dakinhar. Qal li gurnata qabel kien mar go garaxx u gibed *audit trail* ta' A90 u dak il-hin ma kienux jafu x'kalkoli kien hemm.

Mistoqsi x'inhu *audit trail* ix-xhud spjega li huwa *reading* ta' kull "cippa" partikolari li tintuza fuq il-magna. Spjega li l-*audit trail* ghandu massimu ta' ammont li jista jirrekordja. Mistoqsi kif tahdem is-sistema x-xhud spjega li wiehed iddahhal il-*module*, ic-"cippa", jaghtiha l-*code* u tibda tahdem w imbaghad meta tibda taqta l-biljetti, tibda taghmel *recording* taghha. Qal li kull *module* tesa mitejn u hamsin lira maltin. Imbaghad, zied jghid x-xhud, bhala xufier, imur jiddeposita l-flus f'*module* f'*depot reader* w

una volta li tigi svojtata, terga tibda minn zero. Spjega li din ghandha *expiry* wkoll fis-sens li wara erbatax il-gurnata, trid terga tinfetah mill-gdid. Qal li anke jekk ma tkunx uzatha, xorta tghalaq.

Meta gie muri Dok AG 3 u AG 4, x-xhud spjega li d-Dok AG 4 huma iz-zewg *audit trails* li hu kien gabar il-gurnata ta' qabel, l-*audit trail* tax-xarabank 562 li s-soltu jkun bih l-imputat. Qal li l-ghada hadu l-*audit trail* tat-354 u li wara li kellu l-*audit trails* f'idejh u peress li c-"cippa" ma kienitx wahda regolari, sar rendikont ta' x'iddeposita l-imputat. Qal li l-*ace module number* huwa *recorded* fuqu w huwa *highlighted*. Zied jghid li rrizulta li meta huma ghamlu l-ammont, l-ammont li giehom kien ta' elfejn erbgha mija w ghaxar liri u hamsa w ghoxrin centezmu (LM2410.25) u dan il-perjodu bejn il-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2005 u l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2006 w l-bilanc beda minn dakinhar. [Ix-xhud ghazel dak l-perjodu peress li l-imputat kien stqarr li c-"cippa" kienet ilha fil-pussess tieghu minn Novembru 2005]. Qal li meta staqsa lil imputat Michael Agius dwar din ic-"cippa" kien b'denbu taht il-blata.

Illi nhar s-sebgha ta' Novembru 2007 **rega' xehed Mario Farrugia** [fol 96] fejn qal li hu membru fil-kumitat tal-Public Transport Association u kien kaxxier tal-istess. Mistoqsi jekk kienx hemm xi rapport li xi nies tilfu c-"cippa" taghhom, wiegeb li kien hemm tali rapporti. Qal pero li ma kienx f'posizzjoni jghid jekk kienx hemm rapport li nsterqet din c-"cipp" partikolari li nstabet ghand l-imputat ghaliex ma setghax jiddentifika ta' min kienet dik ic-"cippa". Qal li dik hija bhal ohrajn tal-istess ditta IMEC li gew Malta esklussivament ghalihom.

Mistoqsi jekk staqsiex lil imputat minn fejn gab dik c-"cippa" wiegeb li l-imputat kien ikkopera bis-shih maghhom dwar dan. Qal li hu ma kienx staqsa lil imputat kemm kien ilha ghandu ghaliex hu hadha *for granted* li kienet komplementarja ghal kaxxa. Qal li kien l-imputat li eventwalment harigha permezz ta' tornavit. Qal li kien il-kollega tieghu Mario Damato li nduna li kien hemm xi kwistjoni fuq din c-"cippa", pero kif sar jaf ma kienx f'posizzjoni jghid. Qal li hu kien gie avvicinat minn Mario

Damato xahar qabel ma sar r-rejd fuq l-imputat, u qallu li kellu wiehed li kien qed ibaghbas. Qal li hu ma kienx staqsa lil Mario Damato min kien li kien qed ibaghbas.

Mistoqsi kif wasal ghal ammonti, qal li hu hareg *audit trail* mill-A90 li ghadda lil Pulizija. Qal li l-A90 taghmel *division* ta' dawk ic-cipep li jaqblu mieghu fis-sens li kull "cippa" li ntuzat f'din l-A90, kellu l-kalkoli taghha.

Qal li ma kienx f'posizzjoni jaghti l-ammont registrat fuq c-c"cippa" li nstabet ghand l-imputat. Meta gie muri d-Dok AG 3 esibit a fol 17, qal li dik hi l-*module* li hu hareg mill-A90 bl-ghajnuna tal-imputat. Qal li bhala *reading*, dik l-*ace module* 562 meta dahhalha fl-A90 taghtu bhala *reading* ghar-rigward x-xarabank 562, *sales* ta' elfejn sitt mija hamsa w erbghin lira u sebghin centezmu u meta l-*ace module* 562 instabet fix-xarabank 354 taghtu *reading* ta' elf erbgha w sittin lira u hmistax il-centezmu. Zied jispjega li sussegwentement irrizulta kemm kienu saru *sales* fuq dawn iz-zewg karozzi tal-linja fl-ammont ta' elf mitejn disgha w disghin lira u sittin centemzu w ghalhekk setghu jaslu ghad-deskrepanza u cioe meta tghodd elfejn sitt mija hamsa w erbghin lira u sebghin centezmu ma elf erbgha w sittin lira u hmistax il-centezmu u tnaqqas elf mitejn disgha w disghin lira u sittin centezmu, jigi rizultat ta' elfejn erbgha mija w ghaxar liri u hamsa w ghoxrin centezmu, li hu l-ammont li huma m'ircivewx.

Qal li dan kien ghal perjodu fuq il-*bus number* 562 bejn l-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2005 sal-ghoxrin ta' Frar 2006 u fuq il-*bus number* 354 bejn it-tnax ta' Dicembru 2005 w it-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2006. spjega li *audit trial* jaghti biss rendikont bejn perjodu w iehor. Qal li taghtih l-A90 in kwistjoni. Qal li n-numru li jkun hemm fuq l-*audit trail* huwa n-numru tax-xarabank li jikkorrispondi ghal *ace module*. Spjega li din s-sistema tintuza kull darba li jkun hemm problema fuq c-"cippa" u li din kienet l-unika sistema li ghandhom. Qal li hu ma staqsiex lil imputat kemm kien ilha ghandu dik c-"cippa" u mhux normali li dik c-"cippa" torhog mill-A90 permezz ta' tornavit. Qal li hu ma dahhalha fl-ebda *reading* dik c-"cippa". Ikkonkluda billi qal li din il-magna timmarka sa ghaxart elef lira maltin.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Gunju 2006 **xehed Emanuel Damato** [fol 48] fejn qal li hu jahdem bhala *driver* mal-ADT w ghamel zmien kien segretarju ta’ l-istess Assocjazzjoni u kien jiffirma c-cekkijiet. Qal li dak iz-zmien u anke llum ghandhom sistema ta’ 7% *commission* fuq biljetti u peress li jiffirma c-cekkijiet jidhirlu li ghandu jara li jkun hemm *commission* fuq kull cekk.

Qal li fl-ahhar xahrejn li kien iccekkja il-*bus* 562 ra li kellu wisq ftit *commission* u ftit cans biex jara jekk effettivament kienx f’xi post fejn ma tantx jinbieghu il-biljetti. Sussegwentement, kompla jghid ix-xhud, dahlu fuq is-*server* ta’ l-Association u kien hemm certu hinijiet fejn rrizulta li hinijiet minnhom kien qed jirrekordja fuq l-*ace module* u hinijiet le w iddecidew li jmorru jiccekkjaw u jaghmlu *check* fuq l-imputat. Qal li marru fuq l-imputat presenti fl-awla w l-*audit trail* tal-bejgh tal-biljetti baqghet hierga u qallu biex imur mieghu lejn l-Awtorita. Qal li hu telaq bil-karozza tieghu u siehbu rikeb ma l-imputat u kif waslu hdejn l-Awtorita, <u>l-imputat stqarr maghhom li kellu “cippa” imbaghbsa</u>. Ix-xhud qal li hu ra din ic-“cippa”, fil-fatt kellha xi *tape* imdawwar maghha aktarx ta’ kulur ahdar.

Spjega li sussegwentement ghamel ezercizzju hu, flimkien ma siehbu w rrizulta li kien hemm diskrepanza ta’ xi elfejn erbgha mija w ghaxar liri u hamsa w ghoxrin centezmu (LM2410.25) u dan billi qabblu l-*audit trail* tax-xarabank mar-ricevuti li kellu l-imputat. Qal wkoll li hadu zewg *ace modules*, tal-*bus* 354 u *bus* 562.

Illi nhar s-sebgha ta’ Novembru 2007 **rega’ xehed Emanuel Damato** [fol 99] fejn qal li hu nduna li kien hemm xi kwistjoni li tikkoncerna lil imputat peress li huma ghandhom *commission* ta’ 7% w il-*commission* tal-imputat kienet tkun baxxa hdejn ta’ haddiehor. Qal li din il-problema kien tikkoncentra fl-ahhar xahrejn. Qal li ma kienx f’posizzjoni jghid kemm kien ilha ghaddejja il-problema u hu nduna peress li kien hemm tnaqqis fil-figura tal-*commission* u kien ghalhekk li dahallu suspett. Qal li hu ordna li jkun hemm *ticket inspector* biex jiccekkja

biex jara li kollox ikun miexi normali u kien tkellem ma Roderick Farrugia sakemm jigi ccekkjat l-imputat. Qal li l-kalkoli li waslu ghalihom gew riflessi mill-*audit trail* li hargu mill-kaxxa.

Qal li d-dati huma skond l-*audit trial* u l-perjodu huwa dak hemm indikat. Spjega li l-ezercizzju ghamlu hu flimkien ma Jesmond fuq x-xarabank numru 562 pero l-imputat gieli kien ikun bil-*bus number* 354. Spjega li l-imputat kien biss xufier fuq dan iz-zewg xarabankijiet. Qal li lil sid x-xarabank ma kellmux qabel, kellmu biss wara li nqala l-kaz u dan qal li ma kien jaf xejn. Qal li hu ma kienx presenti meta nqalghet c-"cippa" mill-magna meta waqqfuh. Qal li l-imputat qatt ma qallu li c-"cippa" mhix tieghu, qallu biss li kien jahdem biha hu. Qal li l-imputat qallu kliem fis-sens li hadem biha u li kien lest li jhallas il-flus kollha. Qal li l-imputat kien qallu li mhux ser jerga imur fuq tal-linja. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li hu ma staqsihx kemm kienet ilha ghandu dik c-"cippa".

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006 **xehed Victor Spiteri** [fol 56] fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' President tal-Public Transport Association u fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2006 kien diga jokkupa din il-kariga. Ikkonferma li dakinhar tal-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2006 kien ghamel rapport lill-pulizija li r-*route manager* Emanuel D'Amato kien qallu li kellhom kaz ta' serq u li kienu sejrin jispezzjonaw dan il-kaz. Qal li wara kien gie nfurmat li kienu elevaw *ace module* li kien hemm fuq xarabank li kien juza l-imputat, liema *ace module* kienet suspettuza.

Ix-xhud kompla jghid li hu ra din l-*ace module* u mad-daqqa t'ghajn kienet tidher imbaghbsa u kellha *tape* ahdar maghha w ikkonferma li biex din iharget, kellhom jintuzaw turnaviti. Qal li sussegwentemet l-Awtorita kienet ghamlet verifiki dwarha. Spjega li s-*serial number* fuq din il-*module* kien imhassar u kellha biss zewg numri jidhru, li mhux haga normali. Qal wkoll li sussegwentement kien ghadda dawn lill-Ispettur Gafa.

Illi nhar s-sbatax t'Awissu 2006 **xehed PS 516 Alfio Borg** [fol 57] fejn meta gie muri sett ta' ritratti esebiti f'dawn l-atti

bhala Dok AG 6, konsistenti fi tmien ritratti, qal li dawk ir-ritratti gew mehuda minnu fis-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2006 bhala *police work* fil-presenza ta' l-istess Spettur Gafa.

Illi nhar s-sbatax t'Awissu 2006 **xehed PC 569 Anthony Cassar** [fol 59] fejn meta gie muri l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Michael Agius, li gharaf presenti fl-awla, liema stqarrija hija mmarkata bhala Dok AG 7 a fol 33 et seq tal-process, ikkonferma li din giet rilaxxjata wara li l-imputat nghata s-solitu twissija w gharaf il-firma tieghu, dik tal-imputat Michael Agius kif wkoll tal-Ispettur Angelo Gafa fuq kull faccata taghha, liema stqarrija tikkonsisti f'zewg faccati.

Meta gie muri stqarrija ohra markata bhala Dok AG 8 a fol 35 ta' l-atti, spjega li fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2006 hu kien akkumpanja lis-Surgent Mercieca flimkien ma Michael Agius l-imputat prezenti, fir-residenza tieghu u minn hemmhekk giet elevata *ace module* li giet mghoddija lilhom mill-istess imputat.

Illi nhar s-sbatax t'Awissu 2006 **xehed Lawrence Vella** [fol 61] fejn qal li xogholu huwa fuq tal-linja u li hu ghandu ghaxar *buses*. Ikkonferma li lil imputat kien jafu peress li huwa xufier mieghu u fil-fatt jismu Michael Agius. Mistoqsi liema trakkijiet kien isuqlu l-imputat, x-xhud wiegeb li kien isuq *buses* bin-numru 562, 352 u 485 u finalment kien ikun bi trakk 562. Qal li l-imputat ilu jsuq dan it-trakk 562 ghal dawk l-ahhar tlett snin u l-imputat kien responsabbli tac-"cippa" *ace module* tax-xarabank 562. Qal li l-imputat kien juza l-istess *module* meta juza xarabankijiet ohrajn.

Mistoqsi jekk jiena kienx jaf li l-imputat kien qed jaghmel uzu minn iktar minn "cippa" wahda, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li sa fejn kien jaf hu, l-imputat Michael Agius kellu jkun dejjem bl-istess "cippa" li kien ghaddielu hu.

Illi nhar l-hmistax ta' Novembru 2006 **xehed Roderick Farrugia** [fol 71] fejn qal li hu jahdem bhal inginier mas-socjeta Alberta. Meta gie muri sett ritratti mmarkati bhala

Dok ASG 6, a fol 32, qal li dik hi *ace module* li tintuza biex topera l-magni tal-karozzi tal-linja, l-A90. Qal li hu jidhol fil-kwistjoni biss meta jkun hemm xi hsara fihom. Qal li dawn jintuzaw biss mix-xufier tal-karozzi tal-linja. Qal li dawk l-*modules* jigu *supplied* mis-socjeta Alberta.

Mistoqsi jekk rax l-*ace module* partikolari murija fid-Dok AG 6, wiegeb fl-affermattiv. Qal li hu kien gie muri dak l-apparat minn diversi membri tal-pulizija. Ikkonferma li l-*ace module* ghandha oggetti mhux normali fiha fosthom t-*tape* ta' lewn ahdar u li s-soltu s-*serial number* ikun b'hames *digits* izda fuq dik l-*ace module* partikolari hemm biss zewg *digits*. Qal li ma kienx f'posizzjoni jghid x'kien gara fuqha. Mistoqsi jekk ezaminax dik l-*ace module*, wiegeb li ezaminaha wara li giet moghtija lilu mill-pulizija. Qal li d-data li hemm fiha hu ma baghbashiex w t-*tape* li hemm fuqha ma tistax tinqala. Qal li meta ezaminha, rrizulta li fiha xi *records* tal-biljetti, ghand min kienet registrata, 562 huwa n-numru tal-persuna. Qal li hu ma setghax iqabbel s-*serial number* ta' dik l-*ace module* mar-*records* taghhom peress li l-*ace module* kellu s-*serial number* imbaghbas. Meta gie muri *ace module* ohra li wkoll tghajjat lil *bus number* 562 ix-xhud ikkonferma li verament kienet proprjeta ta' *bus number* 562. Ix-xhud qal li s-socjeta Alberta tohrog zewg *ace modules* bl-istess *code number*.

Illi nhar s-sebgha ta' Novembru 2007 **xehed Horace Vella** [fol 91] fejn qal li lil imputat jafu ghax ghamel xi hames snin jahdem mieghu. Mistoqsi jekk qattx ghamel xi haga mhux f'lokha l-imputat f'dak l-perjodu, wiegeb li le. Qal li meta l-imputat gie mressaq il-Qorti hu nkwieta, ghaliex ma kienx ta' dak t-tip. Qal li l-imputat huwa bniedem ta' fiducja u hu kien lest li jerga jimpjegah mieghu ghax qatt ma kellu problemi mieghu. Ix-xhud qal li hu ghandu diversi xufiera mpjegati u fihom kollha ghandu fiducja. Qal li hu ma staqsiex lil imputat biex jerga jibda jahdem mieghu tul dawn il-proceduri.

Illi nhar s-sebgha ta' Novembru 2007 **xehed Patrick Farrugia** [fol 93] fejn qal li l-magna, bhala ammont ta' flus tesa mitejn u hamsin lira, pero bhala ammont ta' biljetti ma

kienx jaf. Qal li jekk ikun hemm bejgh, suppost li jigi registrat fuq c-"cippa". Mistoqsi jekk ghamilx verifiki biex jara kemm kien hemm flus registrati fuq ic-"cippa", wiegeb li ma jiftakarx, peress li ghadda wisq zmien. Qal li hu kellu biss jiccekkja jekk dik c-"cippa" kellhiex tbaghbis fuqha u fil-fatt irrizultalu li din ma kellhiex s-*serial number* taghha jidher. Qal li ma kellux jaghmel verifiki dwar ta' min hi c-"cippa" in kwistjoni. Spjega li c-"cippa" tiddentifika ruhha minn numru serjali taghha u ma hemm ebda identifikazzjoni ohra sabiex tista tigi identifikata "cippa" bhal dik. Bhala memorja tista tiswa aktar minn mitejn u hamsin lira maltin. Qal li hu m'ghandux s-*serial number* ta' dik c-"cippa" w ghalhekk ma setghax jara ezatt kif hi l-limitazzjoni taghha w ghalhekk ma setghax jghid kienetx limitata ghal dak l-ammont biss, peress li l-ewwel trid tinqara, u dan ma jistax isir. Qal li hu gie avvicinat biex jara jekk kellhiex tbaghbis u x'informazzjoni jista jinhareg minn fuqha. Ikkonferma li fil-fatt tbaghbis kien hemm fuqha. Qal li kien hemm *tape* imwahhal maghha li normalment ma jkunx hemm. Qal li nhargu xi *records* minnha li gew mghoddija lil pulizija. Qal li jekk jiftakar sew, kien hemm zball ta' mhux aktar minn mitejn lira maltin. Spjega li l-*codes* li rtiraw minnha kien wiehed normali ghalkemm c-"cippa" kellha t-*tape*. Ix-xhud kompla jghid li hu qatt ma tkellem mal-Public Transport Association, tkellem biss mal-pulizija u kien lil pulizija li ghadda l-informazzjoni, li kienet wahda normali u l-investigazzjoni saret bejniethom flimkien. Ikkonferma li c-"cippa" in kwistjoni qatt ma thalliet fil-pussess tieghu wahdu. Qal li lil pulizija kien qalilhom li kollox kien normali pero ghalkemm c-"cippa" kellha t-*tape* imwahhal maghha, dehrlu li kienet suspettuza.

Mistoqsi ikunx hemm *bugging* fis-sistemi tac-"cippa", wiegeb li le. Meta x-xhud gie muri r-ritratti a fol 32, hu kkonferma li dik kienet l-*ace module* jigifieri c-"cippa" u zied jghid li pero t-*tape* jinsab fuq il-bicca ta' quddiem ta' fejn tidhol c-"cippa" fil-magna. Qal li hu ma kienx f'posizzjoni jghid kif iddahhal c-"cippa" bit-*tape* fit-*ticketing machine* ghaliex qatt ma ttestjaha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt li jghmel pero nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2006, huwa rrilaxxja erbgha stqarrijiet li gew immarkata bhala dokumenti AG 7, AG 8, AG 9 u AG 10 rispettivament li jinsabu inseriti fl-atti a fol 33 et seq.
Illi fl-istqarrija dokument AG 7, l-imputat jammetti li sab ic-"cippa" hdejn xi haxix f'Bieb il-Belt fejn huwa kien qed jahsel x-xarabank w ghamlilha t-*tape* ahdar madwarha. Huwa thajjar juzha, fetaha, beda jcaqlaq ic-cipep ta' go fiha u bdiet tahdem. Qal li ghamlilha t-*tape* sabiex meta jdahhalha fil-magna, ma tillokkjax. Qal li huwa kien juzha biex b'hekk jevita li c-"cippa" t-tajba tirrekordja l-bejgh tal-biljetti. Stqarr li kien ilu jaghmel hekk sa minn Novembru 2005.

Mistoqsi kemm iggwadanja flus minn dan kollu, l-imputat jghid li ma jafx. Mistoqsi ghaliex din ic-"cippa" ghandha hafna grif fuqha, l-imputat jghid li dan sar minnu ghaliex kien juza tornavit u sikkina biex johrogha mill-magna. Jghid wkoll li kien jaf li qed iqarraq bl-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku. Huwa jikkonkludi billi jghid li jiddispjacih hafna ta'dak li ghamel u li kien lest li jrodd lura l-flus li ha b'qerq ghad-dannu tal-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija ohra nhar d-disgha ta' Marzu 2006 u cioe dik immarkata bhala dokument AG 8 esibita a fol 35 tal-atti minn fejn jirrizulta li meta gie mistoqsi dwar minn fejn kien gab din c-"cippa", huwa irrepata li kien sabha. Qal li kien jaf li c-"cippa" li kien juza ma kienetx tghalaq. Mistoqsi minn irrangahielu l-imputat jghid li kien hu li baghbasha.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija ohra nhar l-ghaxra ta' Marzu 2006 u cioe dik esibita bhala dokument AG 9 a fol 37 tal-atti fejn spjega x'allegatament ghamel sabiex gab ic-"cippa" tahdem. Qal li fetah il-*module*, qabad bicca *wire* minn mal-batterija taghha li tinsab fin-naha ta' isfel tac-"cippa", u meta ma rax *spark*, ghalaqha u rega' dahhalha fil-kaxxa u hadmet. Mistoqsi x'ghamel biex gab ic-"cippa"

ma tghalaqx, l-imputat jghid li m'ghamel xejn, baghbasha kif jaf hu.

Illi l-imputat irrilaxxja r-raba stqarrija tieghu nhar t-tlieta ta' Mejju 2006 u cioe dik esibita a fol 39 tal-atti markata bhala dokument AG 10. Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat spjega f'aktar dettal x'tip ta' tbaghbis ghamel fic-"cippa". Hu kkonferma li din c-"cippa" pero qatt ma hadha fid-depot biex tigi moqrija.

Illi l-imputat ma cahadx dak li kien qal fl-istqarrijiet tieghu w ghalhekk huwa ammess minnu li verament ghamel uzu minn *module* ghad-dannu tal-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku u dan b'qerq billi naqas li jirregistra l-ammont ta' bejgh ta' biljetti ghad-dannu tal-istess Assocjazzjoni u b'hekk gharraq t-thaddim fis-sistema tal-*ace module* tal-ADT.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li tiddikjara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 18, 308, 309, 310, 334(a), 334(A), 337(C)(1)(e)(g), 337(D)(a)(b) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed <u>issib lil imputat MICHAEL AGIUS hati</u> tal-akkuzi ta' frodi u t'uzu mhux kif dovut ta' *hardware* u tallli ikkancella *hardware* u talli mmodifika *ace module* proprjeta tal-Assocjazzjoni tat-Trassport Pubbliku u talli ghamel hsara f'xi apparat li jintuza fl-operat mekkaniku u <u>mhux hati</u> tar-reat ta' ricettazzjoni u talli naqas li jinforma lil pulizija li kien fil-pussess ta' ace module meta kien jaf li kienet misruqa jew akkwista b'reat.**

**<u>Il-Qorti</u>** rat il-fedina penali tal-imputat li tirrizulta li hija relattivament nadifa salv ghal zewg kontravenzjonijiet registrati fuqha fejn kien gie kkundannat amenda **u tiddecidi ghalhekk li <u>tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena sospiza ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>.**

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-

Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------